MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 267/2014

Appell Nru: 267/2014

Il-Pulizja

(Spettur Mario Cuschieri)

Vs

Philip Mifsud

Illum 23 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat il-Mandat t' Arrest Ewropew maħruġ mill 'GIP del Tribunale di Genova' kontra l-appellant Philip Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 278655M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Rimandanti minn fejn jirriżulta li dawn l-awtoritajiet gudizzjarji Taljani talbu li l-istess appellant jigi

mibghut minn Malta lejn l-Italja (pajjiż skedat ai termini tar-regolament 5 tal-Avviż Legali 320 tal-2004) fro the purpose of conducting a criminal prosecution ghar-reati ta':

a. 'aggravated smuggling of foreign tabacco products';
b. 'forgery of public documents committed by a public officer on the grounds of an error induced by the deciet of others';
c. 'smuggling of foreign tabacco products';
d. 'criminal association for the purpose of smuggling foreign tobacco products'.

Rat ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali skond l-artikolu 7 tal-ordni fejn jiccertifka li l-Giudice per le Indagini Preliminari fi hdan it-Tribunal ta' Genova hu l-awtorita' li hareg il-MAE kontra l-estraddant ghandu l-funzjoni li johrog mandat t' arrest fl-Italja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Rimandanti tat-18 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti ordnat li Philip Mifsud jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggieh lura lejn l-Italja u cioe' il-pajjiza skedat minn fejn inhareg il-MAE u dan ai termini tar-regolament 13(5) u 24 tal-Ordni. Din l-ordni ghall-kustodja talestradant qeghdha ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja, tkun soggetta dejjem ghal-'law of speciality' ossia in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fl-MAE u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni. Inoltre, din il-Qorti tirrakomanda bil-qawwa kollha lill-Awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u wkoll partikolarment lill-Awtoriatjiet Kompetenti tar-Repubblika tal-Italja li jipprovdu f'kull hin dik l-assistenza u l-ghajnuna medika u farmacewtika kollha meghtiega lill-estradant sabeix il-kundizzjonijiet kollha tas-sahha tieghu kemm jista' jkun ma jigux preguidkati.

Il-Qorti ai termini tar-regolametn 25 tal-Ordni kif ukoll tal-artikolu 16 tal-Kap 276 tinforma lill-estradant li:

(a) huwa mhux ser jigi mregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-Ordni;

U li jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kap 276 gie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija ghandha jedd titlob rimedju skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skond il-kaz.

In oltre, l-Qorti tfakkar lill-estradant bil-fakoltajiet naxxenti mill-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta. F'dan il-kuntest, la darba din il-Qorti giet informata illi l-estradand intavola proceduri fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (bin-numru 152/2014 JRM) fl-ismijiet 'Philip Mifsud vs Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja et', ghandhom japplikaw it-termini stabbiliti fl-Artikolu 21(2) tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta` Malta, applikabbli bis-sahha ta` l-Artikolu 33 tal-Ordni (L.S.276.05).

Ghal kull buon fini il-Qorti tordna li kopja ta` din id-decizjoni tigi komunikata mill-aktar fis lill-Avukat Generali kif ukoll lir-Registratur tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li taht il-gurisdizzjoni taghha jinsabu l-atti msemmija bin-numru 152/2014 JRM fl-ismijiet 'Philip Mifsud vs Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja et'.

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fl-24 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka l-ordni ta' l-imsemmija Qorti jew, alternattivament, tapplika r-*rule of speciality* kif indikat jew, alternattivament, tipposponi l-konsenja sakemm ma jkunx jidhrilha li ma jkunx ghad hemm il-htiega tal-kondizzjoni fl-artikolu 31(2) ta' l-Ordni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju ta' l-esponent jirreferi ghat-tieni eccezzjoni minnu moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati u cioe` it-treggiegh lura lejn l-Italja kellha tigi michuda a bazi tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-25 ta' Novembru, 2013 moghtija fil-konfront ta' l-esponent.

Illi l-Qorti tal-Magistrati ddecidiet li l-validita` tal-mandat kif ukoll ta' l-ordni tal-*pre-trial custody* tat-22 ta' Lulju, 2013 mahrug mill-"GIP del Tribunale di Genova" ma gew bl-ebda mod effettwati mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali peress li ma hemm xejn x'jindika li dak l-ordni ma baqax vigenti. B'hekk l-eccezzjoni ssollevata mill-esponent giet michuda.

Illi jinghad bl-akbar rispett lejn l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati li s-sottomissjoni ta' l-esponent f'dan ir-rigward kienet daqsxejn iktar elaborata u sabiex tigi spjegata jehtieg li wiehed l-ewwel jifhem l-*iter* tas-saga tieghu:

i. Fil-31 ta' Lulju, 2013 inhareg mandat ta' arrest ewropew mill-"GIP del Tribunale di Genova" li bih intalab li l-esponent jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja sabiex iwiegeb ghar-reati fuq elenkati;
ii. Fit-18 ta' Settembru, 2013, l-esponent gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti in segwitu ghal dan il-mandat ta' arrest ewropew;
iii. B'sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ordnat li l-esponent jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja;
iv. Fl-24 ta' Ottubru, 2013, l-esponent ippresenta rikors ta' appell minn dik is-sentenza;
v. B'sentenza tal-25 ta' Novembru, 2013, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqghet l-appell ta' l-esponent u rrevokat s-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2013. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li l-mandat ta' arrest ewropew mahrug mill-awtoritajiet Taljani ghal 'ordinanza di custodia cautelare' ma jghaddix it-test ta' l-artikolu 5(4) ta' l-Ordni;
vi. Fis-26 ta' Novembru, 2013, u cioe` proprju l-ghada tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-artikolu 5(4) imsemmi gie emendat permezz ta' l-Avviz Legali 421 ta' l-2013;
vii. Fl-10 ta' Dicembru, 2013 inhareg it-tieni mandat ta' arrest ewropew mill-"GIP del Tribunale di Genova" li bih rega' intalab li l-esponent jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja sabiex iwiegeb ghar-reati fuq elenkati;
viii. Fil-15 ta' Jannar, 2014, il-"Procura della Repubblica presso il Tribunale di Genova", tramite l-avukat Giovanni Arena, ta *Avviso della Conclusione delle Indagini Preliminari* fil-konfront ta' l-esponent u persuni ohra;

ix. Fl-20 ta' Mejju, 2014, l-esponent rega' gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti in segwitu ghal dan it-tieni mandat ta' arrest ewropew;
x. Fit-18 ta' Gunju, 2014, inghatat is-sentenza appellata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti.

Illi ghandu jizdied mal-premess li l-mandat ta' arrest ewropew mahrug fil-31 ta' Lulju, 2013 u dak ta' l-10 ta' Dicembru, 2013 huma pratikament identici. Pero` filwaqt li fil-mandat tal-31 ta' Lulju, 2013 il-paragrafu (f) – optional information – thalla vojt u fih baqa' jidher il-kliem ta' l-i*standard form* "*(NB : This could cover remarks on extraterritoriality, interruption of periods of time limitation and other consequences of the offence)*", l-istess paragrafu fil-mandat ta' l-10 ta' Dicembru, 2013 gie mibdul biex jinkludi is-segwenti sentenza "*The surrender is requested for the purposes of conducting a criminal prosecution, during which investigations may be carried out, which, however, shall always be authorised and supervised by a judge*". Interessanti li l-kliem "*for the purposes of conducting a criminal prosecution*" huma proprju l-kliem introdotti bl-artikolu 5(4) ta' l-Ordni permezz ta' l-Avviz Legali 421 ta' l-2013 li dahal fis-sehh l-ghada tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Naturalment dan qed jinghad indipendentement mill-fatt li, kif jidher mill-ewwel mandat, l-iskop ta' dan il-paragrafu hu sabiex, *inter alia*, ikopri "*remarks on extraterritoriality, interruption of periods of time limitation and other consequences of the offence*" u certament mhux sabiex jinkludi rimarki *tailor-made* biex jaggiraw sentenzi tal-Qrati tal-pajjiz minn fejn tkun qed tintalab l-estradizzjoni ta' persuna bhalma hi Malta f'dan il-kaz.

Illi ghandu jinghad ukoll li waqt is-sottomissjoniet tad-difensuri ta' l-esponent – u proprju minhabba dawk is-sottomissjonijiet – il-prosekuzzjoni esebiet kopja ta' *Avviso della Conclusione delle Indagini Preliminari* mahrug mill-"Procura della Repubblica presso il Tribunale di Genova" fil-konfront ta' l-esponent u persuni ohra liema dokument igib id-data tal-15 ta' Jannar, 2014. L-iskop tal-produzzjoni ta' dan id-dokument kien presumibilment sabiex jigi ppruvat li l-posizzjoni vigenti ta' l-esponent m'ghadiex kif kienet fiz-zmien tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Novembru, 2013. U fil-fatt huwa proprju dan id-dokument li javalla u jikkonferma, jekk qatt kien hemm xi bzonn, kemm l-esponent ghandu ragun fis-sottomissjoni tieghu in kwantu jirrizulta li dak id-dokument inhareg mhux biss wara s-sentenza msemmija izda anke wara l-10 ta' Dicembru, 2013, u cioe` wara li nhareg il-mandat ta' arrest ewropew meritu ta' dawn il-proceduri.

Illi dan juri wkoll kemm huma skorretti l-awtoritajiet Taljani li jintroducu paragrafu li m'ghandux mis-sewwa. U huwa proprju hawnhekk li l-esponent jinvoka bil-qawwa dak li ntqal fil-parti preliminari tas-sentenza appellata fis-sens li l-Qrati Maltin m'ghandhomx jaghlqu ghajnejhom ghal kollox u jsiru biss timbru ghal dak rikjest mill-Qrati Ewropej.

Illi ghalhekk, galadarba li l-posizzjoni ta' l-esponent fl-10 ta' Dicembru, 2013 kienet identika ghal dik li a bazi taghha t-treggiegh tieghu lejn l-Italja giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali bis-sentenza taghha tal-25 ta' Novembru, 2013 – u cioe` kien ghadu indagat u mhux akkuzat – u galadarba l-emenda introdotta l-ghada ta' dik is-sentenza xorta tirreferi ghal "tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali", din l-Onorabbli Qorti ghandha necessarjament terga' tichad it-talba ta' l-awtoritajiet Taljani.

Illi <u>t-tieni aggravju</u> ta' l-esponent jirreferi ghall-ewwel eccezzjoni minnu moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati u cioe` li d-dokumenti li huma l-bazi ta' dawn il-proceduri ma gew bl-ebda mod awtentikati.

Illi fuq dan il-punt il-Qorti tal-Magistrati osservat li minn ezami akkurat tad-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi u minn ezami tal-mandat ta' arrest ewropew ippresentat fl-atti, ma kien hemm ebda dubju dwar l-awtenticita` tieghu u kwindi dan id-dokument kien bizzejjed u jissodisfa l-vot tal-ligi.

Illi l-esponent, bl-akbar rispett, ma jaqbilx. L-artikolu 5(9) ta' l-Ordni, li jirreferi ghall-mandat ta' arrest [l-artikolu 73A(2) jaghmel l-istess kundizzjonijiet applikabbli ghal dokumenti ohra mahruga minn pajjiz skedat], jghid hekk:

> *"Mandat ta' arrest li din it-Taqsima tapplika ghalih jista' jkun trasmess b'kull mezz sikur li tista' tinharag registrazzjoni bil-miktub tieghu u bih ikunu jistghu jinghataw records bil-miktub u taht dawk il-kundizzjonijiet li jkunu jippermettu li tigi zgurata l-awtenticita` tieghu."*

Illi id-dokument esibit fl-atti ma jaghti ebda assigurazzjoni kif provdut f'din id-disposizzjoni. Lanqas ma huwa cert jekk id-dokument huwiex original, *photocopy* jew mibghut b'*fax*. L-estradizzjoni hija haga serja u, straordinarji kemm huma straordinarji dawn il-proceduri, dawn ma jistghux jipprexxindu minn regoli sani ta' trasparenza. Ma' dan jizdied li l-artikolu 5(9) fuq citat ghandu skop specifiku u jekk il-mandat esibit f'dawn l-atti huwa sodisfacjenti, allura din id-disposizzjoni ma hi xejn hlief *dead letter* u ghandha, forsi anke bl-istess celerita` ta' l-emendi li dahlu permezz ta' l-Avviz Legali 421 ta' l-2013, tigi mnehhija sabiex jigu evitati eccezzjonijiet bhal dik moghtija f'din il-kawza u fl-istess hin jigi accettat li kull dokument certifikat mill-avversarju ta' l-estradant – l-Avukat Generali – ghandu jigi accettat minghajr ebda rizervi.

Illi stante li l-artikolu 5(9) ghadu, sad-data tar-redazzjoni ta' dan ir-rikors, jifforma parti mill-Ordni, qed jigi sottomess li ma jistax jigi ordnat it-treggiegh ta' l-esponent lejn l-Italja a bazi ta' dokument li ma ghandu awtentikazzjoni ta' xejn u li bl-ebda mod ma jissodisfa l-kriterji ta' din id-disposizzjoni.

Illi t-tielet aggravju ta' l-esponent jirreferi ghat-tielet eccezzjoni tieghu – fi kliem il-Qorti tal-Magistrati li ir-reat immarkat "b" mhux reat estradabbli fis-sens illi la huwa skedat u lanqas isib sinonimu mieghu fil-kamp penali Malti u allura ma hemmx il-kwistjoni tad-*double criminality* [recte: ma hemmx id-*double criminality*].

Illi ghandu jigi precizat fl-ewwel lok li dan l-aggravju qed isir minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta' l-aggravji precedenti. Ghandu jigi precizat ukoll li, fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet ampja referenza, partikolarment meta ddisponiet minn din l-eccezzjoni, ghas-sentenza ta' l-istess Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Philip Mifsud*** moghtija fit-18 ta' Ottubru, 2013. Ghalhekk l-esponent, f'dan l-aggravju, ser jaghmel referenza wkoll ghad-*decide* ta' l-istess sentenza.

Illi galadarba ir-reat imsemmi ma huwiex reat skedat, sabiex ir-reat ikun wiehed estradibbli irid necessarjament jissodisfa il-kriterji msemmija f'ta' lanqas wiehed mill-paragrafi tas-subartikoli (2), (3), (4), (4A) u (5) ta' l-artikolu 59 ta' l-Ordni.

Illi skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 59 l-imgieba tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni jekk "tigri fil-pajjiz skedat u ebda haga minnha ma tigri f'Malta". Issa skond il-mandat ta' arrest ir-reati allegati gew kommessi "tra Malta, Emirati Arabi e Italia". Minn din l-informazzjoni skarsa moghtija mill-Awtoritajiet Taljana jirrizulta car daqs il-kristall li qed jigi allegat li parti mill-"imgieba" sehhet hawn Malta u ghalhekk is-subartikolu (2) certament ma jistax jigi invokat mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2013, li ghaliha saret referenza inkondizzjonata fis-sentenza appelata, kienet issorvolat dan l-ostakolu insormontabbli bil-mod segwenti:

> "Skont il-MAE jirrizulta li skont l-Awtoritajiet Taljani, il-post fejn sehhew l-allegati reati huwa "tra Malta, Emirati Arabi e Italia". Ma jispecifikawx liema reati gew kommessi fejn. Din il-Qorti tista tifhem li whud mir-reati gew kommessi *in toto* jew *in parte* fl-Italja – anke peress hemm uhud minnhom li jistghu ikunu ta' natura trans-nazzjonali. Izda ma tistax tghid serenament li f'dan il-kaz ta' dan ir-reat jekk parti minnu kienetx kommessa wkoll f'Malta, apparti li l-effetti tieghu setghu inhassew principalment fit-territorju Taljan."

Illi jinghad bl-akbar rispett li dan ir-ragunament huwa ferm preokkupanti in kwantu l-ligi ma taghmel ebda referenza ghall-assunzjonijiet gratuwiti. Ix-xelta li tinghata informazzjoni fqira kienet ta' l-Awtoritajiet Taljani u certament mhux ta' l-esponent. Huwa kontrosens li l-faqar ta' informazzjoni tigi gustifikata bl-ezigenzi tad-deroga ghall-principji sanciti fl-Att dwar l-Estradizzjoni u fl-Ordni u fl-istess nifs tigi supplimentata bl-assunzjonijiet sabiex il-vot tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-

artikolu 59 jigi sodisfatt. Huwa car li dan is-subartikolu ma jistax jigi invokat mill-prosekuzzjoni in kwantu skond l-istess mandat ta' arrest ewropew parti mill-imgieba sehhet hawn Malta.

Illi lanqas ma jistghu jigu nvokati mill-prosekuzzjoni is-subartikoli (3) u (4A) ta' l-artikolu 59 in kwantu r-reat ipotizzat fil-paragrafu (b) ma jsib ebda riskontru fil-ligijiet ta' pajjizna. Nonostante dan l-ostakolu il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2013, kienet ghamlet studju approfondit tal-ligi Taljana u f'dan l-istudju addirittura ezaminat reati li lanqas gew invokati mill-istess Awtoritajiet Taljani. Dik il-Qorti kkonkludiet li kien hemm xi similaritajiet bejn l-artikoli 48 u 479 tal-Kodici Penali Taljan u l-artikoli 185 u 188 tal-Kodici Kriminali taghna u l-artikolu 62(m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana.

Illi filwaqt li huwa veru li d-disposizzjonijiet imsemmija jirreferu ghal falz ideologiku, il-forma tal-falz ideologiku prospettat fil-mandat ta' arrest ewropew huwa kompletament differenti u ma jsib ebda riskontru fil-ligijiet ta' pajjizna. L-artikolu 479 tal-Kodici Penali Taljan jitkellem fuq falz ideologiku <u>kommess minn ufficjal pubbliku</u> u l-artikolu 48 ta' l-istess Kodici jitkellem dwar zball ta' fatt indott minn terza persuna. Minn imkien ma jirrizulta li fil-ligi taghna jezisti xi reat ta' min jinduci ufficjal pubbliku fi zball minhabba ingann. L-artikoli 185, 188 u 62(m) jirregolaw l-imgieba ta' min jaghmel <u>hu stess</u> d-dikjarazzjoni falza. Ta' min jghid li dan il-*modus operandi* lanqas ma gie indikat fil-fatti esposti b'mod skeletali mill-Awtoritajiet Taljani.

Illi finalment is-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 59 jitkellmu fuq "imgieba ekwivalenti [li] kienet tikkostitwixxi reat *extra*-territorjali taht il-ligi ta' Malta" u "imgieba [li] tikkostitwixxi ... xi wiehed mir-reati msemmija fl-artikolu 54A(1) tal-Kodici Kriminali" [genocidju, delitt kontra l-umanita` jew delitt tal-gwerra] rispettivament. Ghalhekk certament lanqas dawn is-subartikoli ma huma applikabbli ghall-kaz in dizamina.

Illi <u>r-raba' u l-ahhar aggravju</u> ta' l-esponent jirreferi ghan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' l-artikolu 31 ta' l-Ordni.

Illi l-kundizzjonijiet mentali ta' l-esponent gew spjegati mill-Psikjatra Joseph Spiteri u jinsabu traskritti fl-atti. Il-Psikjatra Spiteri spjega bil-gurament tieghu li l-esponent gieli jkun suwicidali. Din il-kundizzjoni hija certament preokkupanti fid-dawl ta' l-i*stress* qawwi li jgibu maghhom proceduri ta' estradizzjoni.

Illi bilkemm hemm ghalfejn jinghad li l-gudizzju ta' tabib ma jistax jigi sostitwit bil-gudizzju ta' persuna legali – sia jekk ikun avukat u sia jekk inhu gudikant. Jekk ikun hemm dubju dwar dak li jkun qed jghid tabib – u ma jidhirx li dan kien il-kaz – ghandu jinhatar espert appositu mill-Qorti u mhux jigi deciz, minghajr ebda bazi

xjentifika, li l-konsenja mhux ser twassal ghal *manifest danger* ghall-hajja jew sahha ta' l-esponent. Rakkomandazzjonijiet lill-Awtoritajiet injoti certament ma jissodifawx il-vot tal-ligi. Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti kellha tipposponi l-konsenja kif prevvist mis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 31 ta' l-Ordni.

Ikkunsidrat,

Dana huwa appell imressaq minn Philip Mifsud fl-erbgha u ghoxrin (24) ta'Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) wara decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) bhala Qorti rimandanti fejn ordnat illi l-appellant jinzamm taht kustodja fi stenniija ghal treggigh lura lejn l-Italja.

Il-proceduri kontra l-appellant bdew fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013) meta t-Tribunal ta' Geneva hareg mandat ta' arrest Ewropew kontra l-appellant illi bih intalab illi l-appellant jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja sabiex iwiegeb ghal xi reati elenkati f'dan il-mandat. Fit-tmintax (18) ta' Settembru tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti in segwitù ghal dan il-mandat ta' arrest Ewropew.

B'sentenza tat-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati ordnat illi l-appellant jinzamm taht kustodja fi stennija ghal treggigh lura lejn l-Italja. Sar appell minn din id-decizjoni fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) u b'sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Appell Kriminali laqghet l-appell tal-appellant u irrevokat is-sentenza tat-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013). Dakinhar il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet li l-mandat ta' arrest Ewropew mahrug mill-awtoritajiet ghal "ordinanza di custodia cautelare" ma ghaddiex it-test tal-artikolu 5(4) tal-ordni.

Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) permezz tal-Avviz Legali 421/2013 l-artikolu 5(4) tat-Taqsima 2 tal-LS 276/05 gie emendat billi zdiedu l-kliem "ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali ...".

Fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) inhareg it-tieni mandat ta' arrest Ewropew kontra l-appellant mit-Tribunale Di Genova fejn rega' gie mitlub illi

l-appellant jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja. Fil-hmistax (15) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) il-"Procura della Repubblica Presso il Tribunale Di Genova" tramite l-Avukat Giovanni Arena ta "avviso della conclusione delle indagini preliminari" fil-konfront tal-appellant. Fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant rega' gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti Rimandanti in segwitù ghal dan it-tieni mandat u fit-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) inghatat is-sentenza mill-istess Qorti Rimandanti fejn ordnat it-treggigh lura tal-appellant lejn l-Italja.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona dan l-appell fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014). L-ewwel aggravju tal-appellant huwa gialadarba l-pozizzjoni tal-appellant fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) u cioé meta ntbaghat it-tieni mandat ta' arrest Ewropew kienet identika ghal dik li abbazi taghha t-treggigh tieghu lejn l-Italja giet michuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza taghha tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) – u cioé kien ghadu indagat u mhux akkuzat – u gialadarba l-emenda introdotta 'l ghada ta' dik is-sentenza xorta tirreferi ghal "tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali" din il-Qorti ghandha necessarjament terga' tichad it-talba tal-awtoritajiet Taljani.

It-tieni aggravju jikkoncerna d-dokumenti mibghuta mill-awtoritajiet Taljani liema dokumenti huma fotokopji jew faximili li mhumiex awtentikati.

It-tielet aggravju huwa fis-sens li r-reat immarkat "B" mhux reat estradibbli fis-sens illi la huwa skedat u lanqas isib sinonimu mieghu fil-kamp kriminali Malti u allura ma hemmx id-"double criminality".

Ir-raba' u l-ahhar aggravju jirreferi ghan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-artikolu 31 tal-Ordni. Dan ghaliex il-Psikjatra Joseph Spiteri spjega bil-gurament tieghu illi l-appellant gieli jkun suwicidali. Din il-kondizzjoni hija certament preokkupanti fid-dawl ta' stress qawwi li jgib mieghu proceduri ta' estradizzjoni. Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti kellha tipposponi l-konsenja kif prevvist mis-subartiklu 3 tal-artikolu 31 tal-Ordni.

Ikkunsidrat:

L-appellant argumenta illi z-zewg mandati ta' arrest Ewropew mahruga fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013) u fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) huma prattikament identici. Anke l-izbalji fil-lettering huwa l-istess. Ghalhekk la l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) irrevokat is-sentenza tal-Qorti Rimandanti abbazi tal-ewwel mandat ta' arrest Ewropew tal-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013), kwindi din il-Qorti kellha ukoll tirrevoka s-sentenza tal-Qorti Rimandanti tat-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014), la s-sitwazzjoni baqghet l-istess. Minkejja l-bdil tal-ligi, ghal dak li jirrigwarda l-appellant is-sitwazzjoni tieghu ma nbidlitx. Kien indagat fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013) u baqa' indagat fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013). Terga' bid-dokument tieghu tal-hmistax (15) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) fejn it-Tribunal ta' Genova ta "avviso della conclusione delle indagini preliminari" l-awtoritajiet Taljani riedu jqarqu bil-Qrati Maltin peress illi fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) meta nhareg it-tieni mandat ta' arrest Ewropew l-appellant kien ghadu indagat.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-legalità tal-Avviz Legali 421/2013 introdott fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) ma jistax jigi mess in dubbju. Dan l-Avviz Legali sar skont il-ligi u ma giex "challenged" minn ebda Qorti Kostituzzjonali. Kwindi z-zieda tal-kliem "ghall-finijiet ta' tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali" fl-artikolu 5(4) tal-Ordni hija llum ligi u ghandha tigi osservata b'effett mid-data tal-introduzzjoni u cioé sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013). Ma jistax isir diskussjoni dwar il-kif u l-ghaliex giet introdotta dik l-emenda. Ghalhekk is-sitwazzjoni legali tal-appellant ma baqghetx l-istess wara d-decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) u dak kollu li gara wara jrid jigi meqjus fil-kuntest tal-artikolu 5(4) tal-Ordni kif emendat.

Ikkunsidrat:

Il-proceduri regghu bdew mill-gdid bil-hrug tat-tieni mandat ta' arrest Ewropjew fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) u dan il-mandat fih il-parikolaritajiet rikjesti skont l-artikolu 5(5)(b) tal-LS 276.05. Kwindi fl-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant kien ghadu indagat "ghall-finijiet ta' tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali" u fil-hmistax (15) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) l-awtoritajiet gew infurmati illi nghalqet fazi fl-indagni preliminari kriminali kontra l-appellant u dan zgur jissodisfa l-kwezit tal-5(4) fuq imsemmi. Fl-ahhar paragrafu tal-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju tieghu l-appellant jghid li la darba ghadu indagat u mhux akkuzat u gialadarba l-emenda introdotta 'l ghada tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell xorta tirreferi ghal "tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali" din il-Qorti kellha necessarjament terga' tichad it-talba tal-awtoritajiet Taljani.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument peress illi dan ma jirriflettix l-emenda kif saret bl-Avviz Legali 421/2013. Din l-emenda tirreferi ghal persuna imfittxija fil-pajjiz skedat "ghall-finijiet ta' tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali ..." u mhux kif qed jargumenta l-appellant "ghat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali." Dawk iz-zewg kelmiet "ghall-finijiet" jaghmlu d-differenza kollha. Filwaqt illi "tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali" tirreferi ghal proceduri kriminali ut sic, il-kliem "ghall-finijiet ta' prosekuzzjoni kriminali" tirreferi ghal dawk il-proceduri kollha necessarji preliminari illi ghandhom jew jistghu jwasslu ghall-prosekuzzjoni kriminali. Dan kwindi jinkludi l-istadju preliminari meta persuna tkun indikata li tista' twiegeb ghal xi reat kriminali. Dina hija proprja s-sitwazzjoni tal-appellant illum fejn giet konkjuza fazi kriminali illi tista' twassal ghal prosekuzzjoni kriminali u ghalhekk il-Qorti qieghda tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Rigward it-tieni aggravju l-appellant qieghed jargumenta illi l-Qorti Maltija ma tistax taccetta kull dokument minghajr rizervi. Kull dokumentipprezentat lilha jrid ikun jew awtentiku jew almenu awtentikat b'mod formali. Id-dokumenti illi hemm fil-

process huma traduzzjonijiet u ma hemm l-ebda prova tal-awtenticità taghhom. Veru illi l-ewwel Qorti qalet illi d-dokumenti huma awtentici però ma tghidx minn fejn waslet ghal din il-konkluzjoni u ghalhekk la din il-Qorti ma ghandhiex dokumenti awtentici jew awtentikati ma tistax taccettahom bhala bazi fuq xhiex tipprocessa lill-appellant f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

L-artikolu 5(9) tal-LS 276.05 jghid kif ghandu jigi trasmess ordni ta' arrest Ewropew fejn jghid fost affarijiet ohra illi jista' jkun trasmess b'kull mezz sikur ... taht dawk il-kondizzjonijiet li jkunu jippermettu li tigi zgurata l-awtenticità tieghu. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Ebejd Osama" u partikolarment ghall-paragrafu 10 ta' dik is-sentenza fejn din fost affarijiet ohra qalet "kjarament din id-decizjoni kwadru riedet tirriduci l-formalità ghall-minimu possibbli – l-importanti hu li l-awtenticità tad-dokument tkun tista' b'xi mod tigi konfermata, anke jekk biss bl-involviment tal-awtorità centrali, li fil-kaz ta' Malta huwa l-Avukat Generali ..." Is-sub artikolu 9(9) tal-artikolu 5 jipprovdi effettivament li l-mandat jista' jigi trasmess anke permezz ta' fax machine, u dan peress illi tali magna tammonta ghal "mezz sikur" ghall-finijiet tal-imsemmi sub artikolu; aktar importanti però, huwa l-artikolu 7 – meta l-Avukat Generali johrog certifikat, bhalma hareg f'dan il-kaz, li l-awtorità li harget il-mandat ghandha l-funzjoni illi tohrog mandati ta' arrest fil-pajjiz rikjedenti, huwa jkun qieghed ukoll jawtentika dak il-mandat ghax huwa inkoncepibbli li jinhareg certifikat purament ghal skop akkademiku li jghid li l-awtorità barranija ghandha l-funzjoni li tohrog mandat ta' arrest."

F'dan il-kaz ukoll l-Avukat Generali hareg certifikat ta' awtenticità u dana huwa bizzejjed ghall-fini tal-ligi u l-Qorti tista' timxi fuq id-dokumenti mibghuta. Ghalhekk dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Rigward it-tielet aggravju l-appellant qieghed jargumenta illi r-reat intestat (B) ma jezistix taht il-ligi Maltija. Il-volontarjetà hija nieqsa f'dan ir-reat ta' qerq il ghaliex indotta minhabba ingann ta' haddiehor. Il-ligi Maltija qatt ma sejra ticcensura l-agir

tal-vittma wara li din tkun subiet ingann minghand haddiehor. Argumenta illi l-ligi Taljana tista' tghid mod iehor imma la r-reat ma jezistix taht is-sistema guridika ta' Malta kwindi allura l-appellant ma setax jigi estradit. Di più qed jigi allegat mill-Awtoritajiet Taljani illi r-reati saru f'Malta, l-Emirati Gharbija u l-Italja. La r-reati saru Malta kwindi d-dispost tal-artikolu 59(2) tal-LS 276.05 mhuwiex sodisfatt.

Ikkunsidrat:

Skont il-mandat ta' arrest Ewropew, il-klassifikazzjoni tal-offizi allegatament maghmula mill-appellant huma: "(a) aggravated smuggling of foreign tobacco products; (b) forgery of public documents committed by a public officer on the grounds of an error induced by the deceit of others; (c) smuggling of foreign tobacco products; u (d) criminal association for the purpose of smuggling foreign tobacco products, which he promoted and organized". Ma hemmx dubbju dwar ir-reati intestati (a), (c) u (d), izda l-appellant qieghed jargumenta illi r-reat intestat (b) ma jezistix taht il-ligi Maltija.

Jibda' biex jinghad illi l-artikolu 59(2) tal-LS 276.05 jirrikjedi biss illi "L-imgieba tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar pajjiz skedat ..." bl-Ingliz "... the act ...". Dan ifisser kwindi illi ma hemmx ghalfejn il-ligi Maltija tkun tirrifletti dik estera illi dwarha tkun qed tintalab l-estradizzjoni ta' persuna. Imgieba frawdolenti huwa reat kemm Malta kif ukoll fil-pajjez fejn qed jintalab l-estradizzjoni tal-appellant u dana huwa bizzejjed ghas-sodisfazzjon ta' dan l-artikolu. Hawnhekk ukoll il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar 2010 "Il-Pulizija kontra Lawrence Liegeois" fejn f'paragrafu 7 il-Qorti qalet "ta' min hawn ifakkar is-sub artikolu 2 tal-artikolu 8 tal-Kap 276 li jipprovdi li 'in determining for the purpose of this section whether an offence falls within the requirements of sub article (1)(a) and (b) – u l-(b) hija proprju l-htiega tad-"double criminality" – the description of the offence shall not be regarded as material if the offence under the law of Malta and that of the requesting country are substantially of the same nature." Bit-test Malti "ikunu sostanzjalment tal-istess xorta." Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi toqghod tidhol fid-dettalji u teknikalità tar-reat intestat (b) fil-kuntest Taljan. Bizzejjed jinghad illi l-frodi huwa agir frawdolenti, huwa

censurat Malta bhalma huwa censurat l-Italja u dana huwa bizzejjed biex jissodisfa l-kwezit ta' "sostanzjalità tal-istess xorta" tal-artikolu fuq imsemmi 8(2).

F'dan l-aggravju l-appellant ukoll jirreferi ghall-paragrafu (a) tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 59 li jghid li l-imgieba ma tikkostitwix reat ta' estradizzjoni jekk "tigri fil-pajjiz skedat u ebda haga minnha ma tigri f'Malta." Skont il-mandat ta' arrest ir-reati allegatament gew kommessi "tra Malta, Emirati Arabi e Italia." Kwandi la l-imgieba saret Malta, certament dan is-sub artikolu 2 ma jistax jigi invokat mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tad-dicitura uzata fil-mandat ta' arrest Ewropew ma tistax tigi presunta illi dawn l-atti allegatament kriminali setghu graw Malta peress illi l-mandat jghid "bejn Malta, Emirati Gharbija u l-Italja." Il-kelma Taljana "tra ..." tradotta "bejn" bil-lingwa Maltija tfisser hafna peress illi teskludi kompletament ir-rikjest tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 59 illi jghid espressament illi l-imgieba li tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni ma tridx tigri f'Malta. Il-mandat ta' arrest Ewropew mhuwiex qieghed jghid illi l-imgieba li tikkostitwixxi r-reat ta' estradizzjoni saret f'Malta u ghalhekk f'dan il-kuntest l-argument tal-Qorti Rimandanti jaghmlu hafna sens u ma hemm l-ebda assunzjonijiet gratuwiti kif qieghed jallega l-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-tielet aggravju tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Rigward ir-raba' aggravju, l-appellant qieghed jargumenta illi l-fatt illi jigi estradit l-Italja se jkun periklu ghal sahhtu fl-isfond l-artikolu 31 tal-ordni. Kwindi l-estradizzjoni ghandha tigi sospiza sakemm l-appellant ikun f'kondizzjoni illi jsiefer.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tirrealizza illi din il-procedura tista' tkun trawmatika ghal kull persuna illi jghaddi minnha, mhux eskluz l-appellant. Però minn ezami akkurat tas-sub artiklu 2 tal-artikolu 31 il-Qorti tikkonkludi illi l-periklu ghall-hajja jew ghas-sahha

tal-persuna trid tkun <u>ghat-treggigh lura lejn il-pajjiz</u> (sottolinear ta' din il-Qorti) u mhux ghall-proceduri kollha illi se jkunu jsegwu. Terga' u tghid dan il-periklu jrid ikun wiehed sostanzjali li jkun hemm riskju ghall-hajja jew ghas-sahha ta' dik il-persuna. Dan ma jirrizultax mic-certifikat mahrug mill-psikjata li huwa certifikat ex parte li teknikament din il-Qorti tista' tinjora peress illi xhud prodott minn parti ma jistax jesprimi opinjoni izda biss jixhed jew jirrapporta dwar il-fatti. Hu x'inhu, zgur illi ma jirrizultax illi t-treggigh lura se jkun periklu ghal sahha jew hajja tal-appellant u dan ma jinvolvix riskju sostanzjali ghalih. Kwindi t-termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 31 m'ghandhomx japplikaw f'dan il-kaz u l-Qorti hawn ukoll tichad dan ir-raba' aggravju.

B'dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti iddisponiet mill-aggravji kollha tal-appellant u ghalhekk taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-istess rakkomandazzjoni ghall-assistenza u ghajnuna medika u farmatewtika kollha mehtiega mill-appellant sabiex tigi assigurata l-inkomulità medika tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------